**Santa Luċija**
**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 27/2026**
**20 ta' Frar 2026**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
NIL

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
NIL

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru. 27**
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Kunsillier Sciberras bħala Sekondant.

**27.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti 27/2025**
L-iskeda ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsillier Sciberras talab li għal Item 65 qabel ma jiġi mgħoddi l-pagament, ix-xogħol li jkun miktub fl-invoice jrid ikun tlesta. Il-Kunsilliera Debattista talbet li tiġi mgħoddija kopja tal-Invoice ta' Item 14. L-iskeda ġiet approvata mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Kunsillier Sciberras bħala Sekondant.

Is-Sindku għaddiet mozzjoni sabiex jkomplu fuq Item 27.6 peress li l-Accountant kien jinsab indispost.

**27.6 Approvazzjoni li l-Kunsill jibda juża s-servizzi ta' Cleansing Malta għat-tindif tal-latrini**
Is-Sindku bi pjaċir infurmat li l-Kunsill ġab l-approvazzjoni tal-Ministeru sabiex il-Kunsill jkun jista jibda juża s-servizzi ta' Cleansing Malta għall-Knis u t-tindif tal-latrini. Fil-bidu ta' Marzu ser jiġi iffirmat l-MoU tal-

knis filwaqt li ser jibdew ukoll d-diskussjonijiet ma Cleansing Malta dwar it-tindif tat-3 latrini li jinsabu f'Santa Luċija.

**27.7 Approvazzjoni tal-MoU mal-Bank of Valletta**

Is-Sindku infurmat li kopja tal-MoU ġie mgħoddi lill-Avukata tal-Kunsill, Dr Vincienne Vella sabiex tevalwah.

Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill mhuwiex sid l'art, għalhekk l-MoU ma jistgħax jiġi iffirmat. Is-Sindku infurmat li ser jiġi mgħoddi lill-Lands Authority.

**27.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**27.8.1** Is-Sindku għaddiet lill-Kunsilliera l-i**statistika** tal-laqgħat għax-xahar ta' Frar 2026 (Annex 1).

**27.8.2** Is-Sindku infurmat li **PA/7565/25** ta' Triq Għeneb id-Dip ġiet differita għal 10 ta' Marzu 2026 fejn Dr Bonello ma setgħetx tkun preżenti u rringrazjat lill-Kunsillier Sciberras li ta' l-intervjent tiegħu. **PA/05677/23** (Appell 209/24) ta' Triq il-Ġibjun ġiet differita għat-3 ta' Marzu 2026. **PA/3310/25** tal-Krematorju (Gudja) il-Kunsill ser jingħata data ġdida. (Annex 2).

**27.8.3** Is-Sindku infurmat li qabel il-15 ta' April trid issir **Laqgħa Annwali**. Il-Kunsilliera qablu li ssir fis-7 ta' April 2026 fis-6.00pm ġewwa t-tearoom. Is-Sindku talbet sabiex mill-aktar fis il-Kunsilliera jibgħatu f'punti x-xogħlijiet li wettqu bħala Kunsilliera matul is-sena 2025. F'din il-laqgħa ser jinqara r-Rapport Amministrattiv 2025, il-Pjan ta' Ħidma 2026-2031 u Rapport Finanzjaru 2025.

**27.8.4** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li f'nofs Marzu 2026 ser jinbeda x-xogħol fuq il-**latrina** tal-picnic area, fejn l-ewwel ser jagħmlu parti, imbagħad il-parti l-oħra sabiex fl-ebda ħin ma tingħalaq għall-pubbliku.

**27.8.5** Is-Sindku infurmat li x-xogħlijiet mill-Housing Authority fuq il-flatsijiet li jinsabu **Triq Maria de Domenicis** ser jinbeda aktar tard sabiex ma jaffettwax ix-xogħlijiet tat-triq. Is-Sindku infurmat ukoll li r-railing ta' Independence Flats beda jinħadem u irringrazzjat lill-Public Works peress li għalqu d-daħla li kienet infetħet taħt l-istess flats. Fis-Seduta nru 26, il-Kunsillier Sciberras talab kemm ser jiswa l-proġett ta' Triq Maria De Domenicis. Is-Sindku infurmat li ser jiswa mawdar €1,064,000.00 (mingħajr VAT). Il-Kunsillier Sciberras iċċara li hu rid jitlob il-work conditions. Is-Sindku infurmat li l-work conditions ser jintbagħat b' email.

**27.8.6** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li wara diversi ilmenti minn resident u rapport minn Ombudsman, il-culvert ta' **Triq Bruka** ser jitwessa grazzi għall-Infrastructure Malta.

**27.8.7** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex Transport Malta jipparteċipaw fil-**Carrot Hunt**. Il-Kunsilliera approvaw. Il-Ministru Byron Camilleri ser jipprovdi figolli għat-tfal. Matul din l-attivita ser ikun hemm Storytelling li ser tiġi ppreparata mill-Kunsilliera D'Amato u Debattista u Health check-up truck. Is-Sindku irringrazzjat lill-Kunsilliera D'Amato u Debattista għall-għajnuna tagħhom matul l-attivita tal-Karnival. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera sabiex jqassmu l-bqija tal-ħelu li kien baqa mill-attivita tal-Karnival wara l-Quddiesa tal-Ħadd tad-9.30am. Il-Minuti tal-laqgħa li ġiet organizzata mas-Sur Cristina mill-Ministeru tal-Intern ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 3).

**27.8.8** Is-Sindku infurmat li l-**pjanu** li kien jinsab fl-Annex kellu bżonn tuning li ser tiswa €80/siegħa. Is-Sindku talbet sabiex il-pjanu jitpoġġa fil-Pavillion u jintuża mingħajr ħlas għar-residenti. Il-Kunsilliera approvaw.

**27.8.9** Is-Sindku infurmat li s-Sa Christine Mansueto ma tixtieqx tibqa **Deputat Segretarju Eżekuttiv**, għalhekk is-Sindku pproponiet li tkun is-Sa Tiffany Abdilla. Il-Kunsilliera approvaw.

**27.8.10** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li x-xogħlijiet ta' manutenzjoni mir-**Reġjun Nofsinhar** huma skedati għal Lulju 2026.

**27.8.11** Is-Sindku irringrazzjat lil **TZRA** li xtraw u ser jinstallaw 5 picnic tables ġodda fil-Picnic Area li huma magħmula b'materjal riċiklabbli u maintanance free. Dawn il-picnic tables jiswew €800 -il waħda. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li l-injam tal-bankijiet li jinsabu fil-picnic area ser jiġi jiswew madwar €200 -il wieħed (magħmul minn materjal riċiklabbli u maintanance free). Peress li hemm 12-il bank il-Kunsill qabel li jinbidlu żewġ bankijiet sabiex jaraw kif jiġu jidhru.

**27.8.12** Is-Sindku irringrazzjat lil TZRA li restawraw it-**telephone Box**. Is-Sindku pproponiet li tinġib stima sabiex jsir bieb non-reflective u double glazed u t-TZRA ser iwaħħlu l-ixkafef ġewwa. Il-Kunsilliera approvaw.

**27.4 Approvazzjoni tal-Quaterly Report 4 (Jannar – Diċembru 2025)**

Il-Q4 ta' 2025 ġie iċċirkolat qabel is-Seduta u ġie meqjus bħala moqri. L-accountant ta' spjegazzjoni lill-Kunsilliera fejn informa li l-Cashflow u d-deffered income qiegħed għoli minħabba li hemm diversi fondi ta' skemi li ma ġewx utilizzati matul is-sena 2025. L-accountant spjega li dan ir-rapport ikun imqabbel mal-Budget ta' 2025.

Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu. Il-Kunsilliera D'Amato pproponiet u l-Kunsilliera Debattista sekondat.

**27.5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2025**

Dan ir-rapport ġie iċċirkolat qabel is-Seduta u ġie meqjus bħala moqri. L-accountant spjega li dan ir-rapport ikun imqabbel mal-Audited Financial Statements 2024.

Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u l-Viċi Sindku Debattista sekondat.

**27.8 Kontinwazzjoni tal-Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**27.8.13** Il-Kunsillier Sciberras informa li l-Kunsill Lokali tal-Fgura xtara art bil-fondi tad-DPF sabiex l-art tintuża fi spazju pubbliku. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni li meta l-Kunsill ta' Santa Luċija prova jixtri l-art ta' Triq Stefanotis bl-iskema ta' Project Green, din ma ġitx approvata. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill tal-Fgura xtara l'art mingħand il-privat bil-fondi tad-DPF u din għaddiet Parlament. Il-Kunsill Sciberras talab li tiddaħħal item fl-Agenda tas-Seduta li jmiss sabiex tinstab soluzzjoni sabiex l-art ta' Triq Stefanotis tingħata lura lin-nies. Il-Kunsill approva.

**27.8.14** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn Project Green sabiex issir il-bankina quddiem **Ġnien l-Iskultura** (Annex 4). Il-Kunsilliera qablu li mhix ser tkun sigura kif qed ikun propost minn PG. Il-Kunsilliera qablu li biex tkun safe, issir il-bankina u zebra crossing sabiex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu. Is-Sindku infurmat li ser torganizza laqgħa fuq il-post ma PG u TM li għaliha l-kunsilliera huma mistiedna li jattendu.

**27.8.15** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-kuntrattur tas-Siġar bagħat stima ta' madwar €2000 sabiex jitneħħew 8 siġar mejtin u jitħawwlu 8 ġodda fi **Ġnien is-Serenita**. Il-Kunsill approva (Annex 5)

**27.8.16** Is-Sindku qrat korrispondenza sabiex jitneħħa l-ġebel li waqa mad-dawra ta' **Triq Begonja** u ġie mitlub li l-kurduna ma terġax tiġi mibnija minħabba l-ħsara li qed issir lil vetturi. Il-Kunsilliera qablu li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lil Santa Luċia FC minħabba li l-art hija devoluta lilhom.

**27.8.17** Il-Minuti tal-laqgħa li saret mal-**4Sight** ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 6). Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għadu ma rċevix l-istima tal-ktieb.

**27.8.18** Il-Minuti tal-laqgħa li saret mas-**Sur Gaffarena** ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 7). Is-Sindku infurmat li għal din l-attivita, il-Kunsill japplika għal fondi taħt l-iskema tal-Kultura. Is-Sur Gaffarena talab ukoll għall-użu tat-tearoom biex jibdew isiru xi laqgħat. Il-Kunsill approva.

**27.8.19** Is-Sindku infurmat li ser isir ir-**Risk Assessment tan-nar**, wara l-laqgħa li saret mas-Sur Abela. Il-Minuti tal-laqgħa li saret dwar ir-Risk Assessment tan-nar ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 8). Is-Sindku issuġġeriet li ssir laqgħa mal-BCA sabiex tinħareġ skema speċifika għar-residenti ta' Santa Luċija ħalli residenti jkunu jistgħu japplikaw għal double glazin u soundproofing.

**27.8.20** Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li kellha mal-**Community Police** (Annex 9). Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsilliera Debattista talbu li jsir xi ħaġa minħabba l'fatt li tfal qed isuqu fuq il-pavimentar u fil-Pjazez bl-electric scooters u qed jibżgħu li jweġa xi ħadd. Is-Sindku infurmat li ser tieħu parir minn TM ta' x'jista jsir.

**27.8.21** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni lill-Kunsilliera sabiex ic-**CCTV camera** li tinsab fi Triq Katarina Vitale ma Ġnien is-Serenita tiġi tħares lejn iz-zebra crossing. Il-Kunsill approva.

**27.8.22** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill t-Traffic Management (One Way) ta' **Triq Freżja** mingħand IM (Annex 10). Il-Kunsill qabel li għandha titneħħa t-tabella tal-One way u tibqa' No Left Turn.

**27.8.23** Is-Sindku infurmat li qed tiġbor stimi għal **Padel Court** għal meta toħroġ skema.

**27.8.24** Is-Sindku infurmat li l-Kappillan bagħat għan-**No Objections** għad-Duluri, Via Sagra u Corpus. Il-Kunsill ma sabix oġġezzjoni.

**27.8.25** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza li bħalissa ma jistgħax jinqata l-**ħaxix.** Is-Sindku bi qbil mal-Kunsillier Sciberras qablu li l'qtugħ tal-ħaxix għandu jieqaf għalissa. Il-Kunsilliera Debattista rrimarkat li ż-żnażan imur fuq il-fjura mhux fuq il-ħaxix. Il-Kunsilliera qablu li l-kurduna tal-bankini għandha tkun clear mill-ħaxix.

**27.8.26** Is-Sindku infurmat li t-tyres tal-**van** għandhom bżonn jinbidlu bi spiża ta' €134 għal kull tyre. Il-Kunsill approva li jinbidlu.

**27.8.27** Wara korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras dwar il-**ħruġ tal-anzjani**, is-Sindku reġgħet fakret li l-ħruġ isir meta hi jkollha ħin liberu mix-xogħol tagħha u t-talba tar-residenti. Is-Sindku infurmat li l-ħarġa ta' Marzu ser tkun Marsakala u ta' Mejju ħa tkun ġurnata Sqallija.

**27.8.28** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza li l-**ERA** ser tibda titlob ħlas ta' €50 għar-renewal tac-CP Permits (għar-rimi ta' skart goff u WEEE).

**27.8.29** Is-Sindku infurmat li bħas-snin preċedenti, il-Kunsill ser japplika għal Money Policy u Accident Policy għall-Kunsilliera u staff, skema li toħroġ l-**AKL** kull sena. Il-Kunsill approva.

**27.8.30** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand **Street Naming Committee** sabiex Trejqet il-Vjoli tissemma b'mod uffiċjali. Il-Kunsill approva. Il-Kunsill approva li l-bandli jissemma 'Il-Bandli ta' Luċija' u Pjazza ta' Bertu (Triq Freżja) jissemmew b'mod uffiċjali.

**27.8.31** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva l-**ERA** Statistics Q4, fejn saru 4 inspections, iżda ma nħarġux taħrikiet.

**27.8.32** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jinxtara rigal għall-anzjani għal **Jum il-Mara**. Il-Kunsill approva.

**27.8.33** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill rċieva mingħand **TCTC** Malta sabiex il-kunsill jissponsorja Summer 2026 għar-residenti ta' Santa Luċija. Il-Kunsill ma approvax.

**27.8.34** Is-Sindku rċeviet talba minn **Right 2 Smile** sabiex iħawwlu xi ħaxix sabiex jinvolvu ruħhom mal-komunita. Il-Kunsill issuġeriexa: Triq Kamelja, Misraħ Dorell, Triq Gladjoli jew wara t-tearoom.

**27.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**27.9.1 Il-Kunsillier D'Amato** staqsiet jekk jistax isir tip ta' shelter jew tinda li tilqa x-xita meta persuna tkun qed tistenna fuq bus stop. Is-Sindku wieġbet li Transport Malta infurmawha li l-kunsill għandu kull dritt jagħmel bus shelter, l-importanti li jkun aċċessibbli.

**27.9.2 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk il-Kunsill ta' donazzjoni lil għaqda partikolari. Is-Sindku wieġbet li ser tiċċekkja. Il-Kunsillier Sciberras fakkar sabiex tiġi mibgħuta lista aġġornata ta' x'sar u x'ma sarx rigward il-mistoqsijiet u l-mozzjonijiet u l-lista ta' korrispondenza ta' kull xahar. Is-Sindku wieġbet li tal-korrispondenza u mistoqsijiet mill-Kunsilliera ġew mgħoddija lilu diversi drabi u ma tanix feedback dwarhom.

**27.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u s-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2026 fil-5.15pm.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 17 ta' Marzu 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ___________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John<br>Sindku | Bernice Darmanin<br>Segretarju Eżekuttiv |